MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Numru. 368/2007

Il-Pulizija

(Spettur Romina Veneziani)

vs

Kurt Manuel Pace

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Kurt Manuel Pace, ta’ 17-il sena, bin Carmel u Anna Manicolo, imwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Jannar, 1990 u residenti Block A, Flat 2, Triq Hawha, San Gwann u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numu 65190(M) gie

mressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-Tlieta 24 ta’ April, 2007, ghall-habta ta’ 00.30 ta’ filghodu gewwa l-Gzira ikkommetta serq ta’ basket, kontenenti telefon cellulari tal-marka Nokia, flus kontanti li jammontaw gha-somma ta’ sebgha u tletin lira Maltin (LM37), credit cards u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta’ Maria-Pia Porcaro, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin.

B’hekk sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LLD, datata l-1 ta’ Dicembru, 2006.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 24 ta’ April, 2007 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-25 ta’ April, 2007 *ai termini* ta’ l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-ewwel akkuza, kif registrata fis-seduta tal-25 ta’ April, 2007.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat minn fejn jirrizulta li fl-1 ta’ Dicembru, 2006 huwa kien gie marbut b’obbligazzjoni personali ta’ LM100 ghal perjodu ta’ sena izda s-sentenza relattiva ma gietx ipprezentata. L-addebitu ta’ recidiva ghalhekk ma jirrizultax pruvat.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa salv ghall-akkuza li huwa rrenda ruhu recediv mill-liema akkuza huwa qed jigi liberat stante li din ma tirizultax pruvata.

Ghal finijiet ta’ piena, l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat kif ukoll l-eta’ tieghu u l-problemi familjari li ghandu. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat

ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tilliberah mill-akkuza ta’ recidiva ghar-ragunijiet spjegati aktar il-fuq u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel ordni ta’ *probation* li permezz taghha tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ sentejn snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

Kurt Manuel Pace ghandu jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Kurt Manuel Pace kull sitt xhur bil-miktub.

Kurt Manuel Pace ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------